TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1718

KAZ NRU. 1834

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Joseph Muscat

u

ST Microelectronics (Malta) Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 2 ta' Ottubru 2006

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'nota prezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fis-26 ta' Novembru 2003.

It-Tribunal zamm 12 il-seduta.

Joseph Muscat, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant" kien assistit mill-Avukat Gavin Gulia u ST Microelectronics (Malta) Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Ms Lydia Gatt assistita mill-Avukat John Buttigieg.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qal li t-tkeccija kienet ingusta ghaliex saret mihabba li l-*Production Manager* kien ha antipatija mieghu u kien anke jumiljah, kien gie mmarkat minnu dwar produzzjoni ta' *target* li ma setghax jintlahaq meta magna jkollha l-hsara u meta talab biex jahdem f'qasam iehor f'sezzjoni differenti, anke fuq ragunijiet ta' sahha, t-talba giet michuda waqt li talbiet simili minn impjegati ohra gew accettati.

Il-Kumpanija sostniet li t-tkeccija kienet gustifikata ghaliex l-appellant kellu storja twila ta' ksur ta' regolamenti fosthom insubordinazzjoni, inefficjenza, abbuz ta' *sick leave* u jidhol tard ghax-xoghol li dwarhom ircieva bosta noti dixxiplinarji, twissijiet u sospensjonijiet. Barra minn hekk fl-ahhar sentejn regolarment naqas li jlahhaq produzzjoni tal-livell mehtieg.

Mix-xhieda u d-dokumenti jirrizulta li :

- ma giex pruvat li l-*Production Manager* kellu antipatija mieghu u kien jumiljah ;
- anqas ma gie pruvat li kien gie mmarkat minnu specifikament jew li kien gie mistenni li jlahhaq produzzjoni aktar minn livell normali. Dan il-livell kien stabbilit wara li tnaqqsu percentaggi ghal waqfien ta' magni u ezigenzi tal-haddiem. Il-livell kien jintlahaq mill-bicca l-kbira tal-haddiema ;
- l-appellant kien inghata *Notice of Dismissal* f'Settembru u f' Dicembru 2002 kif ukoll f'April 2003 dwar nuqqas li jlahhaq produzzjoni accettabbli izda kull darba t-tkeccija nzammet bil-hsieb li jinghata opportunita li jtejjeb il-produzzjoni ;
- s-*Supervisor* tieghu kien talab lix-*Shop Stewards* li kienu jaghmlu xoghol simili biex ikellmuh u jghinuh biex itella' l-produzzjoni izda ma hax gost li kellmuh ;
- haddiema fis-sezzjoni qalulu biex itejjeb il-produzzjoni ghaliex kien qed jipperikola li jitlef l-impieg ;
- kien talab hu li jmur fil-produzzjoni minhabba s-sistema ta' hinijiet tax-xoghol ;
- l-appellant kien talab li jmur lura fil-*Quality Control* jew sezzjoni ohra fejn mhemmx dik il-pressjoni kbira ta' xoghol bhal m'hemm fil-produzzjoni.

Dwar dak li sostna l-appellant li talab li jibdel ix-xoghol ghal ragunijiet ta' sahha it-Tribunal jinnota li c-certifikat ta' l-ispecjalista igib d-data 28 ta' Ottubru 2002 waqt li l-ewwel *Notice of Dismissal* saret fis-6 ta' Settembru 2002. L-ispecjalista xehed li l-appellant kellu tip ta' azma ta' l-istagun affetwata aktar minn affarjiet bhal *pollen*. Qal ukoll li sa kemm ikun hemm "*.....the right equipment and the right filtering systems and the right ventilation, it should be all-right.*" It-tabib tal-Kumpanija xehed li l-appellant kien ibati b'*hay fever* u li "*The history is not typical of an occupational condition*" ghaliex attakk kien itih ghal gharrieda anke meta jkun id-dar. Kieku kellu kondizzjoni kawzata mill-ambjent tax-xoghol li kienet tikkwalifika bhala *occupational disease* kemm hu kif ukoll l-ispecjalista kien ikollhom l-obbligu bil-ligi li jinfurmaw l-awtoritajiet risponsabbli ghall-*occupational health* li bhala rizultat kienu jordnaw lill-Kumpanija biex tnehhih minn fuq xoghol li jaghmillu hsara.

Mix-xhieda jirrezulta ukoll li l-arja fis-sezzjonijiet kollha tal-produzzjoni tinzamm fl-istess kwalita li jkun hemm f'*operating theatre* fi sptar u ghalhekk ma kelliex taghmel hsara lill-appellant anzi kienet ta' kwalita hafna ahjar minn dik tad-dar tieghu jew postijiet ohra.

It-Tribunal ihoss li n-nuqqasijiet ta' l-appellant ma kienux kagunati mill-kondizzjoni ta' *hay fever* u li din ir-raguni ingiebet biex jipprova jiggustifikom. Fil-fatt kien hu li talab biex imur fil-produzzjoni ghax kienu jinhadmu sighat aktar konvenjenti ghalih u ried jerga jitlaq minn hemm ghaliex fi kliemu "U jien xtaqt li nerga' mmur lura fil-quality control jew inkella f'xi section ohra fejn m'hemmx dik il-pressure kbira, qawwija ta' xoghol speci, ta' production".

It-Tribunal wara li kkonsidra c-cirkostanzi kollha tal kaz isib li n-nuqqasijiet li allegat l-Kumpanija gew pruvati u kienu tali li jiggustifikaw tkeccija.

Ghalhekk jiddeciedi li kien hemm raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi ghat-terminazzjoni ta' l-impieg,

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi l-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba differimenti mitluba mill-partijiet, limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja